

**Brussell, 13 ta' Mejju 2025
(OR. en)**

8850/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0058 (COD)**

**CODEC 583
ENV 326
PE 22**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (Canis lupus) - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mill-5 sat-8 ta' Mejju 2025)

I. INTRODUZZJONI

Wara li l-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat it-talba mill-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) biex jipproċedi skont l-Artikolu 170 (Proċedura urġenti) fis-6 ta' Mejju 2025, il-Grupp tax-Xellug u l-Grupp Verts/ALE ressqu żewġ emendi.

Fis-16 ta' April 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

II. VOT

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-8 ta' Mejju 2025 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni u rrifjuta l-emendi kollha mressqa. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ma' dan, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.*

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

* L-iffurmattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2025)0100

Il-protezzjoni tal-lupu (Canis lupus)

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2025 dwar il-proposta għad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (Canis lupus) (COM(2025)0106 – C10-0044/2025 – 2025/0058(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0106),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0044/2025),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-30 ta' April 2025¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali 8850/25

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Mejju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (*Canis lupus*)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ L-opinjoni tat-30 ta' April 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2025.

Billi:

- (1) Għar-raġunijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2669³, l-Unjoni ppreżentat proposta lill-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa⁴ (il-“Konvenzjoni ta’ Berna”) biex jinbidel l-istatus ta’ protezzjoni tal-ispeċijiet tal-lupu fil-qafas ta’ dik il-Konvenzjoni. Fl-44 laqgħa tiegħu tas-6 ta’ Diċembru 2024, il-Kumitat Permanenti approva l-proposta tal-Unjoni li l-lupu (*Canis lupus*) jitmexxa mill-Appendiċi II (“Speċi ta’ fawna strettament protetta”) tal-Konvenzjoni ta’ Berna għall-Appendiċi III (“Speċi ta’ fawna protetta”) ta’ dik il-Konvenzjoni (id-“deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti”).
- (2) F’konformità mal-Artikolu 17(3) tal-Konvenzjoni ta’ Berna, il-bidla fl-istatus ta’ protezzjoni tal-lupu daħlet fis-seħħ fis-7 ta’ Marzu 2025.
- (3) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁵ hija strument ewlieni għall-konservazzjoni tan-natura fl-Unjoni, b’mod partikolari fid-dawl tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta’ Berna. Sabiex il-bidla fl-istatus ta’ protezzjoni tal-lupu skont il-Konvenzjoni ta’ Berna tiġi trasposta fil-qafas legali tal-Unjoni, id-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti jenħtieġ li tkun riflessa fid-Direttiva 92/43/KEE.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2669 tas-26 ta’ Settembru 2024 dwar il-preżentazzjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, ta’ proposta għall-emendar tal-Appendiċijiet II u III tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-ħajja selvaġġa u l-ambjenti naturali tal-Ewropa u dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f’isem l-Unjoni, fl-44 laqgħa tal-Kumitat Permanenti għal dik il-Konvenzjoni (ĠU L, 2024/2669, 10.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2669/oj>).

⁴ Il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali (ĠU L 38, 10.2.1982, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/1982/72/oj>).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

- (4) Sabiex id-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tiġi trasposta, jenħtieġ li l-entrata għal-lupu titħassar mill-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE u tiġi aġġustata fl-Anness V ta' dik id-Direttiva, biex b'hekk il-lupu jingħata l-protezzjoni prevista fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 92/43/KEE.
- (5) L-għan tad-Direttiva 92/43/KEE huwa li tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-bijodiversità permezz tal-konservazzjoni tal-ambjenti naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li japplika għalihom it-Trattat.
- (6) Id-Direttiva 92/43/KEE, bħala strument fil-qasam tal-ambjent, tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu miżuri ta' protezzjoni aktar stretti, dment li jkunu kompatibbli mat-Trattati, kif previst fl-Artikolu 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, għall-fnijiet tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jibqgħu liberi, minkejja l-emenda introdotta b'din id-Direttiva, li jinżamm l-istatus ta' protezzjoni għal-lupu fil-livell ta' protezzjoni previst għal speċijiet ta' fawna protetti b'mod strett.
- (7) Minħabba li l-oġġettiv ta' din id-Direttiva jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, minħabba li jeħtieġ li jiġi emendat att legali eżistenti tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 92/43/KEE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 92/43/KEE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Anness IV, il-punt (a), “Annimali”, l-entrata għall-ispeċi *Canis lupus* titħassar;
- (2) fl-Anness V, il-punt (a), “Annimali”, l-entrata għall-ispeċi *Canis lupus* hija sostitwita b’dan li ġej:
“*Canis lupus*”.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f' dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza metajigu ppublikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
